Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru:- 12/2014 AE

**Dr. Adam Bartolo (ID 484978M)** **(appellant)**

**vs**

**Kunsill Mediku** **(appellat)**

14 ta' Ottubru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-ordni tal-Kunsill Mediku, fejn gie dikjarat:-

*"...You are hereby being informed that the Medical Council had adopted the Report of the Board of Inquiry into the Operations of the Dental Specialist Accreditation Committee dated 24th May 2012, presided over by Judge Joseph David Camilleri.*

*In terms of Article 35 of the Health Care Professions Act 2003, Chapter 464 of the Laws of Malta, the Medical Council finds that your entry on the Specialist Register for Oral Surgery kept by the Medical Council was thus done incorrectly.*

*To this effect and in terms of the said Article 35 of the Medical Council orders that such entry is erased from the Register."*

Minn din l-ordni appella Dr Adam Bartoli. L-aggravju huma li:

*1. Illi d-decizjoni tal-Kunsill Mediku hija llegali u ultra vires;*

*2. Illi li kieku l-Kunsill fetah inkjesta skont l-artikolu 35 tal-Kapitolu 464, l-esponent kellu d-dritt li jinghata l-opportunita' li jghaddi lista ta' xhieda li l-Kunsill ghandu jisma, kif ukoll li l-esponent kien ikollu d-dritt li jaghti x-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Kunsill;*

*3. Illi dan il-poter huwa moghti sabiex il-process ta' decizjoni dwar kancellament ta' registrazzjoni ta' specjalist ikun wiehed trasparenti u li l-konkluzjoni tittiehed fid-dawl tac-cirkostanzi kollha maghrufa, u mhux biss fid-dawl tac-cirkostanzi maghzula. Il-process ta' kancellazzjoni ta' specjalist minn fuq ir-registru ghandha konsegwenzi serji u gravi kemm fuq dak il-professjonist kif ukoll fuq l-awtoritajiet li jkunu ghamlu dik ir-registrazzjoni. Ghaldaqstant wiehed irid jassigura li dawn il-proceduri, huma ta' liema u ta' kwalunkwe natura li jaghzel dan il-Kunsill, iridu jissodisfaw mill-inqas il-kriterji ta' gustizzja naturali u jitmexxew b'mod li jassigura li ma jkunx hemm abbuz ta' poter legali. Bl-akbar rispett, f'dan il-kaz inkwistjoni l-proceduri ma laqghux il-grad li jissodisfaw il-kriterji ta' gustizzja naturali u per konsegwenza d-decizjoni tal-Kunsill fil-konfront tal-esponent hija "unsafe and unsatisfactory" u sahansitra anke llegali;*

*4. Illi la l-Kunsill Mediku u lanqas il-Bord li kien imwaqqaf sabiex jikkummisjona r-rapport ma huma kompetenti li jistharreg ix-xoghol tal-iSpecial Accreditation Committee. Hija awtorita' indipendenti u minghajr rabtiet la mal-qasam tas-sahha u lanqas l-amministrazzjoni li hija*

*kompetenti u għandha tingħata l-inkarigu sabiex tistħarreġ ix-xogħol tal-iSpecial Accreditation Committee;*

*Illi dan il-process ta' stħarriġ mill-Kunsill Mediku dwar jekk hemmx frodi jew inkorrettezzi fir-registrazzjoni tal-esponent b'konsegwenza ta' rapport ta' Bord tal-Inkjesta jġib miegħu s-sottomissjoni tal-istess Kunsill Mediku għal deċizjoni ta' terzi u per konsegwenza dan il-Kunsill m'għandux il-poter li jagħmel dan il-process ta' stħarriġ;*

*5. Illi jiġi sottomess illi l-artikolu 35 tal-att ma jagħtix poter lil Kunsill Mediku li jiddetermina jekk jaqbilx mal-approvazzjoni tal-esponent mill-iSpecial Accreditation Committee sabiex jiġi reġistrat, jew jekk jaqbilx mal-approvazzjoni tal-Kunsill Mediku ġia mogħtija sabiex huwa jiġi reġistrat hekk kif diġa huwa reġistrat ma' dan il-Kunsill. L-istħarriġ ta' dan jista' jsir biss mill-Qorti fi stħarriġ amministrattiv billi dan ikun stħarriġ ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni li dina l-liġi tħalli f'idejn l-iSpecial Accreditation Committee u wara tiġi akkolta u implimentata mal-Kunsill Mediku;*

*Illi l-unika poter mogħti f'artikolu 35 huwa li jiġi aċċertat li ma ntużax frodi fil-process ta' reġistrazzjoni li seta' wassal għall-approvazzjoni jew reġistrazzjoni b'mod skorret;*

*Illi l-poteri tal-Kunsill Mediku huma deskritti b'mod ċar u précis u fihom ma jinkludix rikonsiderazzjoni ta' deċizjoni. Ladarba kienet diġa' ttieħdet deċizjoni mill-Kunsill, l-istess Kunsill ma setax jerġa' jistħarreġ id-deċizjoni tiegħu stess għaliex l-ewwel deċizjoni tkun diġa' tat drittijiet lit-terzi;*

*Illi bid-deċizjoni tiegħu u cioe' dik li l-Kunsill irtira r-reġistrazzjoni tal-esponent kien qiegħed jaġixxi barra l-poteri tiegħu u nnega d-drittijiet li huwa stess ta lill-esponent;*

*6. Illi jiġi sottomess illi huwa evidenti u ċar illi t-termini mposti mil-liġi ma ġew bl-ebd mod osservati mill-Kunsill Mediku meta ġie biex jieħu din id-deċizjoni fil-konfront tal-esponent. Ladarba t-termini mposti mil-liġi ma ġewx osservati, ġiet prospetta anki sitwazzjoni ta' ksur ta' ordni pubbliku;*

*7. Illi jiġi sottomess illi l-applikazzjoni tal-esponent saret b'mod korrett u b'mod ġenwin. L-applikazzjoni, l-istħarriġ tagħha, l-akkoljiment tagħha mill-iSpecial Accreditation Committee kif ukoll l-implimentazzjoni tagħha mill-Kunsill Mediku huma korretti u ma huma milquta mill-ebda mod frawdolenti. Dan jidher ċar anke mill-informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni nnifisha. L-applikazzjoni tal-esponnet saret skont kif inhu stipulat f'artikolu 53(4) tal-istess Att;*
*Illi l-applikazzjoni ta' Bartolo turi bic-car illi huwa ma pprezenta l-ebda kredenzjali li huwa ma kellux u l-ebda ċertifikat falz. L-applikazzjoni bl-ebda mod ma turi li huwa uża xi mod frawdolenti li wassal għar-reġistrazzjoni tiegħu. Lanqas ma uża xi mod skorrett sabiex applika u ma hemm l-ebda skorrettezzi fl-applikazzjoni tiegħu;*

*8. Illi qiegħed jiġi sottomess illi mhux biss li r-reġistrazzjoni tal-esponent kienet u tibqa' waħda valida iżda wkoll li l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tal-esponent ma humiex applikabbli għal dan il-każ u jwasslu għall-illegalita'.*

Rat it-tweġiba tal-Kunsill Mediku (datata 13 ta' Ġunju, 2014) fejn qal:

*1. Għal rigward ta' l-ewwel aggravju, l-appellant ibbaża dan l-aggravju fuq il-fatt illi l-Artikolu 37 tal-Kap. 464 jagħti d-diskrezzjoni lill-Kunsill appellat sabiex isejjaħ xhieda sabiex jinvestiga u b'hekk il-Kunsill ibbaża d-deċizjoni tiegħu fuq rapport ta' inkjesta u ma sejjaħx xhieda, allura qed jiġi akkużat illi abdika mill-poteri mogħtija lilu bil-liġi u dan peress illi l-inkjesta de quo ma għandha l-ebda rabta mall-Kunsill Mediku u ma hemm l-ebda relazzjoni legali bejn ir-rapport tal-inkjesta u l-Kunsill Mediku;*

*Illi jinghad li dak li jsemmi l-appellant dwar il-poter tal-Kunsill Mediku kif naxxenti mill-Artikolu 37 tal-Kap. 464 jinsab kwazi ugwalment promulgat fl-artikolu 6 tal-Kap. 273 u b'hekk dan il-Bord ta' Inkjesta ezercita hu d-dritt illi jisma' xhieda bil-gurament. Illi din l-insistenza tal-appellant ma hi xejn ghajr tentattiv insistent sabiex il-proceduri dwar il-kaz tieghu jitwalu, jirduppjaw, jirreplikaw ruhhom f'tentattiv illi fil-konfront tieghu ma jkun hemm qatt decizjoni;*

*2. Ghal rigward it-tieni aggravju ta' l-appellant, l-appellat Kunsill Mediku jwiegeb bl-akbar rispett, illi l-artikolu rilevanti minn imkien ma rrizulta illi meta u/jew jekk il-Kunsill Mediku kien sodisfatt illi kien hemm frodi jew nuqqas ta' korrettezza, din necessarjament trid tirrizulta minn inkjesta maghmula minnha stess;*

*3. Illi ghal rigward it-tielet aggravju, l-appellat Kunsill Mediku ma kienx tenut obbligat izomm inkesta ai termini tal-Artikolu 35 tal-Kap. 464. Di piu', dwar il-kaz gja kienet inzammet inkjesta legittima, legali, skond il-ligi, kondotta minn Imhallef, kollox kif irid il-Kap. 262 tal-Ligijiet ta' Malta – liema inkjesta fuq kollox qatt ma giet kkontestata jew b'xi mod jew iehor, impunjata. Illi, fuq kollox, la qabel u lanqas fil-gurnata tal-lum ma jghid jew jiddikjara l-appellant illi ghandu xi provi godda jew xhieda ulterjuri x'jaghti ghal dak li gja xehed quddiem l-Inkjesta u konsegwentament, huwa evidenti illi t-tentattiv tal-appellant huwa biss wiehed illi jtawwal il-process inutilment ghax hekk jaqbillu;*

*4. Illi ghal rigward it-raba' aggravju ta' l-appellant, l-appellat Kunsill Mediku wiegeb illi mhux ghal kollox car kif mill-banda l-wahda jsir l-argument illi ttiehdet decizjoni minn persuni li mhux indipendenti u imparzjali u mill-banda l-ohra jigi kkritikat il-Kunsill li flok ma investiga hu, strah fuq konkluzjonijiet ta' inkjesta ta' terzi independenti u imparzjali;*

*5. Ghal rigward tal-hames aggravju, l-appellat Kunsill Mediku jrid juza d-diskrezzjoni tieghu u b'ghaqal u legittimita' jasal biex jikkonkludi jekk hux sodisfatt jew le biex jasal biex jimplimenta l-poter li ttih il-ligi, ossia l-kancellament ta' professjonist minn fuq registru. Inghad, illi fil-kaz ojdern, il-Kunsill lahaq il-kriterju rikjest mhux wara xi rapport anonimu, mhux wara xi semplici ittra ta' kompetitur tal-professjonist de quo, mhux wara xi ittra mibghuta minn terz, izda wara rapport ta' inkjesta mizmuma skond il-ligi ai termini tal-Att dwar l-inkjesti, mmexxija minn Imhallef ritirat illi ma hemmx dubbju dwar il-kredenzjali tieghu u inkjesta illi zammet disa' seduti, f'36 siegha ta' smiegh, semghet 11-il xhud, ezaminat pataflun dokumenti u hejjiet rapport ta' 22 pagna, dettaljat minn kull aspett, inkluz mir-ragunijiet ghaliex l-inkjesta kienet qed tasal ghad-decizjoni taghha;*

*6. Ghal rigward is-sitt aggravju, il-Kunsill Mediku wiegeb illi dan l-istess aggravju ma jregix in kwantu illi l-Kunsill Mediku mexa mal-ligi, ghamel dak li trid il-ligi u ha d-decizjoni tieghu fil-parametri tal-ligi. Illi la l-appellant semma l-ordni pubbliku, bhala professjonista fil-kamp mediku, l-appellant jaf ben tajjeb illi l-Kunsill Mediku qed hemm sabiex jara u jassikura illi l-ordni pubbliku jigi rispettat, f'kull hin u l-hin kollu, u huwa l-obbligu tieghu, appuntu fl-interess tal-ordni pubbliku, illi jiehu decizjoni bhal dik li ha fil-konfront tieghu una volta rrizulta dak li rrizulta minn inkjesta independenti bhal ma kienet dik tal-Imhallef J. D. Camilleri;*

*7. Illi ghal rigward is-seba' aggravju, l-appellat Kunsill Mediku wiegeb illi la ghandu u lanqas ma huwa obbligat illi jerga' jiftah berah id-dibattitu fuq dan il-process. Il-process addottat mill-iSpecialist Accreditation Committee gie dikjarat illi kien vizzjat, fil-kaz ta' Dr. Bartolo, dan gie dikjarat mill-Inkjesta li nzammet appuntu sabiex tezamina dan u konsegwentament, la l-Kunsill Mediku u wisq anqas dan il-Kumitat ma ghandu jservi biex jerga' jinfetah id-dibattitu dwar l-istess;*

*Illi una volta li l-inkjesta qatt ma kienet giet attakkata u mpunjata minn min seta' kellu interess allura huwa legittimu ghal Kunsill Mediku illi jqis dak id-dibattitu maghluq u definit;*

*8. Ghal rigward it-tmien aggravju, il-Kunsill Mediku umilment ssottometta illi huwa kien korrett u fuq kollox mexa bl-akbar kawtela, raguni u legittimita' meta, in segwitu ghal*

*konkluzjonijiet ta' Inkjesta maghmula ai termini tal-Kap. 273 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-applikabilita' tal-Artikolu 35 tal-Kap. 464 tal-Ligijiet ta' Malta, ha d-decizjoni li ha, sabiex wara li kien l-istess Kunsill illi rregistra lill-appellant fuq l-iSpecialist Register, il-Kunsill iddecieda illi jirriverti dik id-decizjoni;*

*Illi l-Kunsill Mediku ghandu funzjoni mill-aktar importanti fis-socjeta' taghna – huwa Kunsill b'responsabbilita' kbira lejn is-socjeta' taghna, in kwantu wkoll illi jrid jara u jassikura illi l-kura medika tinghata lil poplu Malti u Ghawdxi minn nies kompetenti, nies integri, nies kwalifikati u konsegwentament giustament intitolati li jghatu tali servizz mediku lil poplu taghna. F'dan il-kuntest, il-Kunsill Mediku jaghmel sewwa, ghax hekk fid-dover, illi jadotta politika ta' zero tolerance. Fejn jirrizultalu illi isem gie registrat bi zball, bi frodi jew b'mod skorrett, ikun qed jonqos il-Kunsill Mediku, lejn il-ligi imma fuq kollox lejn is-socjeta' Maltija, jekk jew jaghlaq ghajnejh jew jippermetti illi l-process jittawwal inutilment.*

Il-qorti semghet l-atti u qrat l-atti.

**Konsiderazzjoni.**

1. Fatti:

i. Ir-rikorrent għandu l-professjoni ta' dentist.

ii. Fis-7 ta' Novembru 2011, applika lill-*Special Accreditation Committee* sabiex jiġi reġistrat bħala speċjalist.

iii. F'Diċembru 2011 il-Kumitat iddeċieda li r-rikorrent kellu jiġi reġistrat bħala speċjalist.

iv. Il-Ministru tas-Saħħa ordna nkjesta dwar l-operat tal-Kumitat. F'email datata 8 ta' Jannar 2012, Dr Raymond Busuttil[1] għarraf lis-Segretarja tal-Kunsill Mediku li *"…. the Minister has received a complaint about alleged irregularities in the processing of the application for specialist recognition of Dr Adam Bartolo by the SAC. I would be grateful if the Council would postpone the inclusion of Dr Adam Bartolo in the specialist register for oral surgery until the allegations are investigated."*

v. L-inkjesta ġiet konkluża b'rapport tal-24 ta' Mejju 2012. Il-konkluzjoni tal-Bord kienet li:

- Wieħed mill-membri tal-Kumitat li vvota favur l-applikazzjoni, kellu kunflitt ta' interess minħabba li kien jipprattika l-professjoni ta' dentist fil-klinika tar-rikorrent. Il-Bord ikkonkluda li għalhekk bejn ir-rikorrent u membru tal-Kumitat kien hemm relazzjoni ta' negozju, li qatt ma ġiet dikjarata.
- Fil-każ tar-rikorrent ma kienx hemm dak rikjest mil-liġi sabiex ikun jista' jiġi reġistrat bħala speċjalist.

[1] *Superintendent for Public Health*.

vi. B'ittra datata 13 ta' Mejju 2013 l-iSpecialist Accreditation Committee baghat jinforma lis-Supretendent tas-Sahha Pubblika li kien ra r-rapport tal-inkjesta u kkonkluda li:

*"The Dental SAC at its meeting held on 11th December 2012, agreed by 3 votes in favour, 2 abstentions and no votes against, that the said Report of the Board of Inquiry into Operations of the Dental Specialist Accreditation Committee was potentially vitiated and legally flawed.*

*No further action was to be taken regarding the Dental SAC decision taken on the 19th December 2011 on Dr Adam Bartolo's entry into the Oral Surgery Specialist Register."*

vii. Permezz ta' ittra tat-12 ta' Diċembru 2013, ir-rikorrent ġie nfurmat mill-Kunsill Mediku li kien ra r-rapport tal-inkjesta u li kien ser jieħu deċiżjoni skond l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa (Kap. 464). Għalhekk talbu li fi żmien sebat (7) ijiem jagħti l-kummenti tiegħu. Fl-ittra ntqal: *"You are hereby being informed that the Council will not re-access the remits of the case per se, but will only decide, if satisfied whether the listing of your name on the Specialist Register for Oral Surgery, should be erased or otherwise."*

viii. Permezz ta' ittra legali datata 18 ta' Diċembru 2013, ir-rikorrent għamel is-sottomissjonijiet tiegħu.

ix. Permezz ta' ittra datata 13 ta' Frar 2014, il-Kunsill Mediku għarraf lir-rikorrent li kien qiegħed jikkanċella r-reġistrazzjoni tiegħu *ai termini* tal-Artikolu 35 tal-Kap. 464. Fl-ittra intqal:

*"You are hereby being informed that the Medical Council had adopted the Report of the Board of Inquiry into the operations of the Dental Specialist Accreditation Committee dated 24th May 2012, presided over by Judge Joseph David Camilleri.*

*"In terms of Article 35 of the Health Care Professions Act 2003, Chapter 464 of the Laws of Malta, the Medical Council finds that your entry on the Specialist Register for Oral Surgery kept by the Medical Council was thus done incorrectly.*

*To this effect and in terms of the said Article 35 of (sic)* ***the Medical Council orders that such entry is erased from the Register****".*

x. Il-Kunsill Mediku bbaża l-ordni fuq rapport tal-Bord tal-Inkjesta li nħatar mill-Ministru tas-Saħħa. Hu evidenti li l-Kunsill Mediku qabel ma ta l-ordni, m'għamilx investigazzjoni ndipendenti biex jiddetermina jekk fil-kaz tar-rikorrent kellux ir-rekwiziti kontemplati mil-ligi biex ismu jitnizzel fir-reġistru tal-ispeċjalisti li

jżomm il-Kunsill Mediku[2]. Dan jirriżulta bl-iktar mod ċar mill-ittra tat-12 ta' Dicembru, 2013. Għall Kunsill Mediku, il-konklużjoni li wasal għaliha l-Bord tal-Inkjesta kienet fiha nnifisha tfisser li l-inklużjoni ta' isem ir-rikorrent fir-reġistru kienet saret b'mod mhux korrett. Din hi l-posizzjoni li ħa l-Kunsill Mediku, li żgur li ma tirriflettix il-parir tal-Avukat Ġenerali.

2. Din is-sentenza titratta l-eċċezzjoni preliminari li din il-qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tikkunsidra u tiddeċiedi l-appell, peress li d-deċiżjoni tal-Kunsill Mediku kienet bażata fuq l-Artikolu 35 tal-Att dwar il-Professjoni tas-Saħħa (Kap. 464) li minnha m'hemmx appell.

3. L-Artikolu 35 tal-Kap. 464 jipprovdi:

*"Jekk Kunsill rilevanti jkun sodisfatt li xi kitba f'xi reġistru miżmum minnu taħt dan l-Att tkun saret b'mod frawdolenti jew mhux korrett, hu jista', b'ordni bil-miktub, jordna li dik il-kitba tigi kanċellata minn dak ir-reġistru, u meta r-reġistrazzjoni tkun saret b'mod frawdolenti, jista' jordna li l-ebda applikazzjoni minn persuna bħal dik biex ikollha isimha imnizzel fir-reġistru ma tiġi accettata qabel dak iż-żmien li l-Kunsill jista' jiddeċiedi."*

Il-qorti m'għanda l-ebda dubju li sabiex il-Kunsill Mediku jagħti ordni a bażi tal-Artikolu 35, għandu jagħmel proċediment fejn jinvestiga l-fatti u jiddeċiedi wara li jkollu l-fatti. Fil-fatt l-Artikolu 37 tal-istess liġi stess jipprovdi li:

*"(1) Il-President ta' Kunsill rilevanti fi proċedimenti taħt l-artikoli …. 35, jkollu s-setgħa* ***jħarrek lil persuna*** *biex tidher quddiem il-Kunsill relattiv bħala xhud biex jixhed bil-ġurament u jġib miegħu dokumenti ……"*

F'dan il-każ kull m'ghamel il-Kunsill hu li addotta l-konkluzjoni tal-inkjesta.

4. Madankollu l-Att dwar il-Professjoni tas-Saħħa (Kap. 464) ma fihx disposizzjoni li tipprovdi dritt ta' appell minn ordni tal-Kunsill rilevanti li tittiehed skond l-Artikolu 35. Dik il-ligi tikkontempla dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell[3] **biss** meta skont: *"….l-artikolu 32 jew l-*

[2] *Modus operandi* li jmur kontra l-parir li ngħata mill-Avukat Ġenerali (ara email ta' Dr Ilona Debono, President tal-Kunsill Mediku datata 15 ta' Novembru 2013). Min-notamenti li ttieħdu waqt il-laqgħa u l-imsemmija email, hu evidenti li l-Avukat Ġenerali kien tal-parir li l-Kunsill Mediku kellu jeżamina l-fatti tal-każ.

[3] F'dan ir-rigward il-Kap. 464 ma jipprovdix jekk l-appell għandux isir quddiem il-Qorti kif kostitwita skont l-Artikolu 41 tal-Kap. 12 jew fil-Kompetenza Inferjuri. Meta tqies id-disposizzjonijiet tal-Kap. 12, il-qorti hi tal-fehma li Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) għandha tikkunsidra u tiddeċiedi dawk l-appelli li l-liġi espressament tipprovdi li għandhom jinstemgħu u jiġu deċiżi minnha. Fejn il-liġi tgħid biss li appell jista' jsir quddiem il-Qorti tal-Appell, allura l-Qorti tal-Appell għandha tkun kostitwita bil-mod kontemplat fl-Artikolu 41 tal-Kap. 12.

*artikolu 38 Kunsill rilevanti jistabbilixxi li isem xi persuna għandu jkun kanċellat mir-reġistru adatt....”* (Artikolu 36(1) tal-Kap. 464).

5. M'hemmx dubju li l-każ in eżami m'huwiex wieħed mill-każijiet kontemplati fl-artikolu 32 u 38 tal-Kap. 464, in kwantu:

   i. L-artikolu 32 jitratta dwar każijiet fejn il-professjonist ikun instab ħati minn qorti ta' reati li jissemmew f'dik id-disposizzjoni, jew ta' mġieba ħażina professjonali jew etika[4].
   ii. L-artikolu 38 jitratta dwar każijiet ta' inkapaċita mentali jew fiżika tal-professjonist fil-kura medika.

6. Din il-qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' appell fejn il-liġi ma tipprovdix li hemm dritt ta' appell. Dan minkejja li hu ferm stramb kif fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 32 u 38 tal-Kap. 464 jeżisti dritt ta' appell meta l-Kunsill Mediku jordna l-kanċellament ta' isem minn registru li jżomm il-Kunsill rilevanti, filwaqt li fil-każijiet kontemplati fl-Artikolu 35 il-liġi ma tghidx li hemm dritt ta' appell. Madankollu l-qorti trid tapplika l-liġi. Appell m'huwiex xi dritt awtomatiku kull fejn tittieħed deċiżjoni jew tinghata ordni. Dritt ta' appell minn deċizjoni trid tirriżulta minn disposizzjoni ta' liġi. F'dan il-kaz m'hemmx tali disposizzjoni u għalhekk ir-rikorrent ma setax jimpunja l-ordni billi jappella meta l-ligi ma tatix dak id-dritt. Ovvjament dan ma jfissirx li l-appellant ma kellux jew m'għadx għandu mezzi oħra sabiex jimpunja l-ordni tal-Kunsill Mediku. Ordni li hi bażata **<u>biss</u>** fuq il-konkluzjoni ta' Bord ta' Inkjesta li nħatar mill-Ministru tas-Saħħa u mingħajr il-Kunsill m'għamel proċediment li fih evalwa l-fatti tal-każ.

**Għal dawn il-motivi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u tiddikjara li l-appell hu null. Spejjeż a karigu tar-rikorrent.**

Anthony Ellul.

---

[4] Il-każijiet li ssemmi l-liġi huma: *"(a) jkun insab ħati minn xi qorti f'Malta ta' xi delitt li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien li jeċċedi sena jew ta' xi delitti minn dawk imsemmija fl-artikoli 198 sa 205 jew fl-artikoli 206 sa 209 tal-Kodiċi Kriminali; jew (b) kien ħati ta' mġieba ħażina professjonali jew etika f'xi rigward; jew (c) b'xi mod ieħor ikun naqas milli jottempera ruħu ma' standards professjonali u etiċi li jkunu japplikaw għalih."*